**Nru. 656**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 ta' 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: TRK. 145368
Post: Sit f'Tigné, Tas-Sliema
Proposta: Installazzjoni ta' tank għall-ħażna tal-LPG bl-ingrossa u pajpijiet fissi tal-gass.

L-impatti l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffew, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kienet sottomessa lill-Awtorità fit-8 ta' Marzu 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-15 ta' Mejju, 2012.

**No. 656**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts. The Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK 145368
Location: Site at Tigné Point, Sliema.
Proposal: Installation of bulk LPG storage tank and fixed gas pipeline.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 8th March 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on the 15th May, 2012.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ġenerazzjoni u skart | L-iskart li se jinħoloq mill-iżvilupp propost huwa minimu, madankollu se jitħaddmu numru ta' miżuri standard dwar l-immaniġġar tal-iskart bħala parti mill-permess. |
| *Waste generation* | *Waste to be generated by the proposed development is considered to be minimal, however standard permit safeguards will be adopted vis-à-vis waste management.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | Huwa previst li l-istorbju u vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni se jkunu limitati għal dawk li wieħed jistenna fil-każ ta' attivitajiet normali f'siti tal-kostruzzjoni filwaqt li matul l-operat, l-ebda emissjonijiet bħal dawn m'huma mistennija. |
| *Noise and vibration* | *The Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities, whilst during operations no such emissions are envisaged.* |

| | |
|---|---|
| Kwalità tal-arja, periklu għas-saħħa u riskju ta' splużjoni | Il-ħażna u distribuzzjoni ta' LPG fis-sit jista' jkun ta' theddida għas-sigurtà (riskju ta' splużjoni) u s-saħħa (potenzjalment tossiku) għall-okkupanti u l-pubbliku ġenerali. Madankollu, ir-riskju ta' emissjonijiet se jitnaqqas permezz tal-istallazzjoni u manutenzjoni korretta tat-tank u l-katusi anċillari. Ukoll, it-tagħmir kollu se jindifen taħt ir-ramel sabiex jiġi żgurat li ebda gass likwifikat ma jiġi f'kuntatt mal-arja. Dan se jsir permezz ta' valutazzjoni dettaljata tas-sigurtà tal-fażi tal-operat tal-proġett. |
| *Air quality, health hazard and risk of explosion* | *The storage and distribution of LPG at site could pose a threat to the safety (explosion risk) and health (potentially toxic) of the occupants and general public. However, the risk of leakage will be minimised through proper installation and maintenance of the tank and ancillary pipelines. Furthermore, all equipment will be buried under sand in order to ensure that no liquified gas comes in contact with air. This will be done through a detailed safety risk assessment of the operational phase of the project.* |
| Wirt Storiku | Parti mill-katusa se tgħaddi fil-viċin ta' bini skedat tal-Ewwel Grad (Il-Fortizza ta' Tigné). Madankollu, se ssir valutazzjoni arkeoloġika qabel ix-xogħol ta' kostruzzjoni u se jkun hemm monitoraġġ matul il-kostruzzjoni sabiex jittaffew l-impatti potenzjali. |
| *Historical Heritage* | *Part of the pipeline will pass in close proximity of a Grade 1 Scheduled building (Fort Tigné). However, an archaeological assessment will be carried out prior to construction, and there will be monitoring during construction, in order to mitigate any potential impacts.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

15th June, 2012

**Nru. 657**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

**No. 657**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT**

**(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 15. 06. 2012 | €41.731 | €0.770 |

Il-15 ta' Ġunju, 2012

15th June, 2012